## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Jannar, 2018**

**Rikors nru: 521/2010 MLF**

**Sandra Micallef Gravina**

**vs**

**Mario Micallef**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf u tlieta u erbghin euro u wiehed u tletin centezmu (Eur 11043.31), jew somma ohra verjuri rapprezentanti in kwantu ghal sitt elef tlett mija u erbgha u ghoxrin euro (Eur 6324), jew somma ohra verjuri, sehem ir-rikorrenti mill-valur tal-ghamara u mobbli ohra li l-intimat ha klandestinament minghajr ma hallas ebda korrispettiv lir-rikorrenti u in kwantu ghal erbat elef sebgha mija u dsatax-il euro u wiehed u tletin centezmu (Eur 4719.31) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minnu wara xiri permezz ta' procedura tas-subbasta tal-garage numru hamsa (5) f'kumpless ta' garaxxijiet fi Triq is-Salib, Hal Ghaxaq.

Nonostante li gie interpellat ihallas, inkluz b'ittra ufficjali datata 22 ta' Lulju, 2010 (kopja annessa u mmarkata Dok A), huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz dawk tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Mario Micallef fejn espona:

1. Illi preliminarjament, l-ammont ta' €4,719,31 gia gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola fl-ismijiet Mario Micallef vs Alexandra sive Sandra Micallef Gravino (Cedola Nru 824/11);
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' €6,324 huwa eccessiv peress li l-mobbli in kwistjoni ma jiswewx daqshekk u l-ammont mitlub jeccedi l-valur attwali.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2014, fejn cahdet ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Jannar 2014, fejn talab lil din il-Qorti tawtorizzah iressaq eccezzjoni ulterjuri, fis-sens li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi il-vertenza bejn il-partijiet.

Rat is-sentenza parzjali taghha tat-13 t'April 2015, fejn iddikjarat li hija kompetenti *ratione materie* li tisma' u tiddeciedi t-talba attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Il-kontendenti isseparaw legalment permezz ta' sentenza deciza fit-30 ta' Gunju 2004 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Sandra Micallef vs. Mario Micallef.[1]

2. L-ammont pretiz mill-attrici minghand il-konvenut jinqasam f'zewg pretensjonijiet. L-ewwel ammont ta' sitt elef tliet mija erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) jirrapprezenta l-valur tal-ghamara u mobbli ohra li allegatament il-konvenut ha minghand l-attrici, filwaqt li t-tieni ammont ta' erbat elef seba' mija u dsatax-il Euro u wiehed u tletin centezmu (€4719.31) jirrapprezenta bilanc dovut mill-konvenut lill-attrici wara xiri permezz ta' procedura bis-subbasta tal-garaxx numru 5, fi Triq is-Salib, Hal-Ghaxaq.

3. L-ammont ta' erbat elef seba' mija u dsatax-il Euro u wiehed u tletin centezmu (€4719.31) mhux qieghed jigi kkontestat mill-konvenut u fil-fatt dan l-ammont gie depositat taht l-awtorita tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu. Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013, il-partijiet ivverbalizzaw li l-attrici kienet zbankat dan l-ammont.[2]

4. Il-konvenut jallega li l-ammont l-iehor ta' sitt elef tliet mija erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) huwa wiehed eccessiv.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-attrici ipprezentat prospett[3] tal-affarijiet li allegatmanet ittiehdu mill-konvenut u fih indikat il-valur originali ta' kull oggett, u l-valur li hija tistma' li kellu dak l-oggett meta ghamlet l-istima. Fix-xhieda taghha l-attrici qalet li l-affarijiet kollha elenkati inxtraw waqt iz-zwieg, hlief ghal zewg affarijiet u cioe zewg siggijiet antiki u zewg cushions li kienu parafernali taghha, u li ghalihom ma kinietx qed titlob kumpens izda li jigu ritornati.

L-attrici ma ttentat tressaq l-ebda prova indipendenti tal-valur originali tal-affarijiet, jew biex tikkorrabora l-valur originali li attribwitilhom. L-unika spjegazzjoni ta' kif waslet ghal dan il-valur huwa li qalet li dawn l-affarijiet kienet xtrathom hi. L-attrici lanqas tat xi spjegazzjoni

---

[1] Ara Dok B a fol. 30-53 tal-process.
[2] Ara fol. 59 tal-process.
[3] Ara fol. 18 tal-process.

dwar kif waslet ghall-istima tal-affarijiet, li in generali hija circa nofs il-valur originali li hija tallega li kellhom. Mill-provi jirrizulta li l-kontendenti izzewgu fl-1995 u l-proceduri ta' separazzjoni bdew fis-sena 2000. Minn dan isegwi li l-oggetti li l-attrici tallega li l-konvenut ha, allegatament inxtraw minnha bejn l-1995 u l-2000. Konsegwentement, din il-Qorti issibha difficli biex temmen li l-attrici baqghet tiftakar il-valur originali preciz tal-oggetti li kienet xtrat bejn sbatax (17)-il sena u tnax (12)-il sena qabel ma xehdet f'dawn il-proceduri.

Dan apparti l-fatt li ghalkemm il-konvenut ammetta li ha xi affarijiet elenkati f'dan il-prospett, hu innega li ha hafna mill-affarijiet elenkati. Inoltre, mhux l-affarijiet kollha minnha elenkati fil-prospett jinsabu elenkati fil-mandat ta' qbid li gie mahrug pendenti l-kawza ta' separazzjoni.

Inoltre, mix-xhieda stess tal-attrici irrizulta, li l-iscaffolding li qed tippretendi li tithallas nofs il-valur tieghu, ma kienx jappartjeni lilha izda lil missierha. Kif sewwa rrileva l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-attrici ma tistax tippretendi li tigi kumpensata ghal affarijiet li *ex admissis* ma kienux jappartjenu lilha. Dan apparti li ma ngabet l-ebda prova, li fid-dar konjugali jew fil-garage li kellhom il-kontendenti kien hemm dan l-iscaffolding.

L-istess jinghad rigward iz-zewg siggijiet antiki li l-konvenut jammetti li ha, pero li anke l-attrici stess tammetti li m'humiex taghha imma huma tal-genituri taghha.

L-attrici iffokat il-provi taghha dwar biex tipprova li l-konvenut ha l-oggetti minnha elenkati, pero mbaghad naqset li tressaq provi sabiex tissustanzja il-likwidazzjoni tal-valur ta' dawk l-oggetti, jew ghall-inqas titlob il-hatra ta' espert biex jistma' il-ftit affarijiet li l-konvenut ammetta li qieghdin fil-pussess tieghu.

Fis-sentenza **Joanna Camilleri et vs Paulmid Developments Limited** deciza fit-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) irriteniet hekk:

*"49. [1] Hu principju kardinali f'materja ta' prova, u anke skolpit fl-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, u ghalhekk l-oneru tal-prova mhux biss tad-danni riskontrati izda wkoll tal-quantum tal-ispejjez riparatorji tispetta lill-atturi li ressqu t-talba sabiex l-Qorti "tillikwida*

*dik il-parti mill-prezz dovuta lura lill-atturi minhabba l-imsemmija difetti u dan ghat-termini tal-ligi biex taghmel tajjeb ghall-imsemmija difetti".*

*50. [2] Il-Qorti ghandha tasal ghad-decizjoni taghha abbazi tal-principju iuxta allegata et probata u m'ghandhix tirrikori ghall-fakolta li tiddeciedi arbitrio boni viri meta min jallega l-fatt kellu l-opportunita kollha li jressaq provi in sostenn ta' dak il-fatt u tali provi kienu disponibbli ghalih.*

*51. Hija flokha l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza App. 238/05* ***Rita Busuttil noe et v. Raymond Busuttil****, deciza fis-27 ta' Novembru 2015* (recte 15 ta' Dicembru 2015)*:*

*"12. Rigward it-talba taghha sabiex din il-Qorti tiffissa ammont xieraq ta' flus rapprezentanti sehemha mill-mobbli komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti u wkoll il-valur tal-beni parafernali taghha, din il-Qorti tosserva li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghax hija priva mis-substratt fattwali li jehtieg li jkollha biex tkun fil-pozizzjoni li tasal ghall-ammont arbitrio boni viri. Fi kliem iehor, mill-provi ma jirrizulltawx fatti li fuqhom il-Qorti tista' tasal ghal xi ammont kif mitluba mill-attrici fl-aggravju taghha. ..... Fin-nuqqas ta' prova ta' fatti sufficjenti li fuqhom il-Qorti tista' logikament tistabbilixxi ammont rapprezentanti valur tal-mobbli, il-komputazzjoni ta' ammont fissat ma jkunx gie stabbilit arbitrio boni viri, imma jkun ammont stabbilit b'mod arbitrarju. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li din it-talba ma tistax treggi".*

Kif sewwa rrileva l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attrici lanqas biss talbet sabiex dawk l-oggetti li l-konvenut ammetta li kienu fil-pussess tieghu jigu stmati minn espert tekniku, sabiex b'hekk din il-Qorti kien ikollha prova indipendenti dwar l-valur ta' dawn l-oggetti meta nbdew dawn il-proceduri.

Fid-dawl ta' dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ma tistax tara kif hija tista' tilqa' it-talba tal-attrici sabiex tigi kumpensata ghal sehemha mill-valur tal-oggetti mobbli kemm dawk li l-konvenut jammetti li ha, u wisq inqas dawk li l-konvenut jichad li ha.

Rigward it-talba attrici ghal bilanc tal-prezz tal-bejgh bil-procedura bis-subbasta tal-garaxx li l-kontendenti kellhom, jirrizulta li dan l-ammont thallas mill-konvenut biss wara li

gew intavolati dawn il-proceduri, u ghaldaqstant dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba attrici limitatament fejn talbet sehemha mill-valur tal-ghamara u mobbli ohra li hi tallega li l-konvenut ha klandestinament minghar ma hallasha ebda korrispettiv, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba taghha, stante li l-ammont minnha pretiz fit-tieni talba taghha gie mhallas mill-konvenut pendenti dawn il-proceduri.

Tenut kont tac-cirkostanzi, kollha tal-kaz, l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju 2010, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**